

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/9/KE

ta' l-20 ta' Frar 2007

li temenda l-Anness għad-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE fir-rigward ta' livelli massimi ta' residwi għal aldikarb

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru ta' l-1990 dwar l-iffissar tal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

(1) Fil-każ ta' ċereali u prodotti li joriġinaw mill-pjanti inklużi frott u ħxejjex, il-livelli ta' residwi jirriflettu l-użu ta' kwantitajiet minimi ta' pestiċidi meħtieġa sabiex jinkiseb ħarsien effettiv ta' pjanti, applikati b'tali mod li l-ammont ta' residwi jkun baxx kemm jista' jkun skond kif inhu aċċettabbli b'mod prattiku u tossikoloġiku, b'qies, b'mod partikolari, tal-ħarsien ta' l-ambjent u l-istima tal-konsum djetetiku tal-konsumaturi. Il-livelli massimi ta' residwi tal-Komunità jirrappreżentaw l-ogħla limitu ta' l-ammont ta' tali residwi li wieħed jista' jistenna li jsib fl-oġġetti meta jkunu ġew rispettati prattiki agrikoli tajbin.

(2) Il-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi jinżammu għar-reviżjoni u jinbidlu sabiex titqies l-informazzjoni u d-data ġdida. Il-livelli massimi ta' residwi huma ffissati fl-iktar limitu baxx ta' determinazzjoni analitika fejn użu awtorizzat ta' prodotti ta' ħarsien tal-pjanti ma jirriżultax f'livelli indentifikabbli ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq il-prodott ta' l-ikel, jew fejn ma hemmx użu awtorizzat, jew fejn użu li ġie awtorizzat minn Stati Membri ma ġewx sostnuti bid-data meħtieġa, jew fejn użu f'pajjiżi terzi jirriżulta f'residwi fi jew fuq prodotti ta' l-ikel li jistgħu jidħlu f'ċirkulazzjoni fis-suq tal-Komunità ma ġewx sostnuti bid-data meħtieġa.

(3) Stat Membru informa lill-Kummissjoni dwar ix-xewqa tiegħu li jirrevedi l-livelli massimi ta' residwi nazzjonali skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 90/642/KEE fid-dawl ta' tħassib dwar il-konsum mill-konsumatur. Proposti għar-reviżjoni tal-livelli massimi ta' residwi tal-Komunità tressqu quddiem il-Kummissjoni.

(4) L-esponiment tal-konsumaturi matul ħajjithom kif ukoll għal perjodu qasir għall-pestiċidi msemija f'din id-Direttiva, permezz tal-prodotti ta' l-ikel, ġew studjati mill-

ġdid u vvalutati skond il-proċeduri u l-prattiki Komunitarji, filwaqt li tqiesu l-linji ta' gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ⁽²⁾. Fuq din il-bażi, huwa xieraq li jiġu ffissati livelli massimi ġodda ta' residwi, li jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda esponiment inaċċettabbli tal-konsumatur.

(5) Fejn huwa rilevanti, l-esponiment qawwi tal-konsumaturi għal daww il-pestiċidi permezz ta' kull wieħed mill-prodotti ta' l-ikel li jista' jkun fihom residwi ġie studjat u vvalutat skond il-proċeduri u l-prattiki tal-Komunità, filwaqt li tqiesu l-linji ta' gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Il-konklużjoni hija li l-preżenza ta' residwi ta' pestiċidi fil-livelli massimi ġodda ta' residwi jew taħtom mhijiex se tikkawża effetti tossiċi qawwija.

(6) Permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-imsieħba kummerċjali tal-Komunità ġew ikkonsultati dwar l-livelli massimi ġodda ta' residwi u tqiesu l-kummenti tagħhom dwar dawn il-livelli.

(7) Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità Ewropea għas-Sicurezza Alimentari (AES) ⁽³⁾ tat opinjoni dwar ir-riskju ta' livelli massimi ta' residwi ta' l-aldikarb f'din id-Direttiva.

(8) L-Annessi għad-Direttiva 90/642/KEE għalhekk għandhom jiġu emendati skond dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Il-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 90/642/KEE hija emendata skond l-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Settembru 2007, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw

⁽¹⁾ ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/92/KE (ĠU L 311, 10.11.2006, p. 31).

⁽²⁾ Il-Linji ta' Gwida għat-tbassir tal-konsum djetetiku ta' residwi tal-pestiċidi (riveduti), imħejjija mill-GEMS/Program ta' Ikel f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex fuq ir-Residwi tal-Pestiċidi, ippubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

⁽³⁾ The EFSA Journal (2006) 409, p. 1-23.

ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jipprovdu lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mit-2 ta' Settembru 2007.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 20 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membri tal-Kummissjoni

ANNESS

Fil-parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 90/642/KEE, il-linji għall-aldicarb jinbidlu b'dan li ġej:

Residwu ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-livelli massimi ta' residwu	Aldicarb (ammont totali ta' aldicarb, is-sulfoxide tiegħu u s-sulfone tiegħu espress bħala aldicarb)
"1. Frott, frisk, immixxef jew nej, ippreżervat fil-friża, mingħajr zokkor miżjud; ġewż	0,02 (*)
(i) FROTT TAĊ-ĊITRU	
Grejpfrut	
Lumi	
Lajm	
Mandolin (inklużi l-klementini u ibridi oħra)	
Larinġ	
Pomelos	
Oħrajn	
(ii) ĠEWŻ TAS-SIĠAR (bil-qoxra jew mingħajrha)	
Lewż	
Ġewż tal-Brażil	
Ġewż ta' l-anakardju	
Qastan	
Ġewż ta' l-Indi	
Ġellewż	
Makadamja	
Ġewż tal-Pekan	
Ġewż ta' l-arżnu	
Pistaċċi	
Ġewż	
Oħrajn	
(iii) FROTT TAŻ-ŻERRIEGĦA	
Tuffieħ	
Lanġas	
Sfarġel	
Oħrajn	
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA	
Berquq	
Ċiras	
Ħawħ (inkluż in-nuċiprisk u ibridi simili)	
Għanbaqar	
Oħrajn	
(v) BERRIES U FROTT ŻGĦIR	
(a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid	
Għeneb tal-mejda	
Għeneb ta' l-inbid	
(b) Frawli (ħlief dak selvaġġ)	

Residwu ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-livelli massimi ta' residwu	Aldicarb (ammont totali ta' aldicarb, is-sulfoxide tiegħu u s-sulfone tiegħu espress bħala aldicarb)
(c) Frott tal-qasab (għajr dak selvaġġ)	
Tut	
Dewberries	
Loganberries	
Lampun	
Oħrajn	
(d) Frott żgħir ieħor u <i>berries</i> (ħlief dak selvaġġ)	
Bilberries	
Cranberries	
Passolina (aħmar, iswed u abjad)	
Gooseberries	
Oħrajn	
(e) <i>Berries</i> u frott żgħir selvaġġ	
(vi) DIVERSI	
Avokado	
Banana	
Tamal	
Tin	
Kiwi	
Kumquats	
Litchis	
Mango	
Żebbuġ (konsum domestiku)	
Żebbuġ (estrazzjoni taż-żejt)	
Papaja	
Passion fruit	
Ananas	
Rummien	
Oħrajn	
2. Ħxejjex, friski jew mhux imsajrin, iffriżati jew imnixxfen	
(i) ĦXEJJEX FSURA TA' TUBERI JEW GĦERUQ	0,02 (*)
Pitrava zokkrija	
Karrotti	
Cassava	
Krafes	
Mustarda użata għaz-zalza	
Qaqoċċ	
Zunnarija bajda	
Parsley root	
Ravanell	
Sassefrika	
Patata ħelwa	

Residwu ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-livelli massimi ta' residwu	Aldicarb (ammont totali ta' aldicarb, is-sulfoxide tiegħu u s-sulfone tiegħu espress bħala aldicarb)
Swedes	
Pjanta tal-ġenus Brassica	
Jam	
Oħrajn	
(ii) ĦXEJJEX FSURA TA' BASAL	0,05
Tewm	
Basal	
Shallots	
Spring onions	
Oħrajn	
(iii) ĦXEJJEX LI HUMA L-FROTТА TAL-PJANTA	0,02 (*)
(a) Solanacea	
Tadam	
Bżar	
Brunġiel	
Okra	
Oħrajn	
(b) Kukurbiti – tal-qoxra li tittiekel	
Ħjar	
Gherkins	
Qarabali	
Oħrajn	
(c) Kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx	
Bettieħ	
Squashes	
Dulliegħ	
Oħrajn	
(d) Qamħirrum	
(iv) ĦXEJJEX BRASSICA	0,02 (*)
(a) Brassica li tagħmel il-fjuri	
Brokkoli	
Pastard	
Oħrajn	
(b) Brassica bir-ras	
Kaboċċi ta' Brussel	
Kaboċċi tar-ras	
Oħrajn	
(c) Brassica bil-weraq	
Kaboċċi taċ-Ċina	
Kale	
Oħrajn	
(d) Ġdur	

Residwu ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-livelli massimi ta' residwu	Aldicarb (ammont totali ta' aldicarb, is-sulfoxide tiegħu u s-sulfone tiegħu espress bħala aldicarb)
(v) ĦXEJJEX LI L-WERAQ TAGĦHOM JITTIEKEL U HWAWR FRISK	0,02 (*)
(a) Ħass u simili	
Krexxuni	
Ħass tal-ħaruf	
Ħass	
Scarole (endive tal-werqa wiesgħa)	
Insalata	
Weraq u zkuk tal-brassica	
Oħrajn	
(b) Spinaċi u simili	
Spinaċi	
Weraq tal-pitravi	
Oħrajn	
(c) Krexxuni ta' l-ilma	
(d) Witloof	
(e) Ħwawar	
Maxxita	
Kurrat salvaġġ	
Tursin	
Weraq tal-karfus	
Oħrajn	
(vi) ĦXEJJEX LEGUMI (friski)	0,02 (*)
Fażola (bl-imżiewed)	
Fażola (mingħajr imżiewed)	
Piżelli (bl-imżiewed)	
Piżelli (mingħajr imżiewed)	
Oħrajn	
(vii) ĦXEJJEX FORMA TA' ZOKK (friski)	0,02 (*)
Asparagu	
Kardun	
Karfus	
Bużbież	
Qaqoċċ	
Kurrat	
Rabarbru	
Oħrajn	
(viii) FAQQIEGĦ	0,02 (*)
(a) Faqqiegħ ikkoltivat	
(b) Faqqiegħ salvaġġ	
3. Żrieragħ immnxxfin	0,02 (*)
Fażola	
Għazz	

Residwu ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-livelli massimi ta' residwu	Aldicarb (ammont totali ta' aldicarb, is-sulfoxide tiegħu u s-sulfone tiegħu espress bħala aldicarb)
Piżelli	
Lupini	
Oħrajn	
4. Żejt taż-żrieragħ	0,05 (*)
Żerriegħa tal-kittien	
Karawett	
Żerriegħa tal-peprin	
Ġulġlien	
Żerriegħa tal-ġirasol	
Żerriegħa tal-lift	
Żerriegħa tas-sojja	
Żerriegħa tal-mustarda	
Żerriegħa tal-qoton	
Żerriegħa tal-qanneb	
Oħrajn	
5. Patata	0,02 (*)
Patata bikrija	
Varjazzjonijiet ta' patata	
6. Te (weraq u zkuk, immnixxef, iffermentat jew mod ieħor, mill-weraq tal-Camellia sinensis)	0,05 (*)
7. Hops (imnixxef), inklużi hħub tal-ħops u ħops fil-forma trab mhux ikkonċentrat	0,05 (*)
(*) Jindika l-limitu l-iktar baxx għall-iskoperta analitika."	